MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 683/2002/1

**Avviz Nru: 683/02 AJD.**
**Grazzio Magro, Mario, John u Paul ahwa Magro kif ezeercenti n-negozju Firm Michael Magro**

**vs**

**Saviour Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-22 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u hamsin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm850.49) rappresentanti ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-atturi lill-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-10 ta’ Awissu 1998, id-data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fil-5 ta’ Lulju 2002 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ tmien mija u hamsin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm850.49) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**